MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tas-7 ta' Dicembru, 2006

Numru 274/2005

**Il-Pulizija**

**v.**

**Ozbert Cassar**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Ozbert Cassar talli f'dawn il-Gzejjer cioe` gewwa l-fond 'Red Café', Pjazza Rotunda, Mosta, nhar il-11 ta' Gunju, 2004 u matul ix-xhur ta' qabel, mexxa jew opera attivita` turistika fl-imsemmi lok minghajr ma kellu licenzja mahruga ghal dan mill-Awtorita` tat-Turizmu;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-4 ta' Ottubru 2005 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Ozbert Cassar hati

ta' l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u, wara li rat l-artikolu 43(1)(a) tal-Kap. 409, ikkundannatu ghall-hlas ta’ multa ta' hames mitt liri Maltin (Lm500);

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Ozbert Cassar pprezentat fil-11 ta’ Ottubru 2005 li permezz tieghu talab li din il-Qorti thassar is-sentenza appellata u konsegwentement tilliberah mill-imputazzjoni dedotta kontrih;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravju ta’ l-appellant huwa wiehed semplici: l-artikolu tal-ligi li l-prosekuzzjoni qed tallega li l-appellant kiser ma japplikax ghalih. Jghid illi l-artikolu 43(1)(a) tal-Kap. 409 japplika fil-konfront ta’ (i) min ikun qed imexxi attivita` turistika minghajr licenzja minn jeddu minn fond di proprjeta` tieghu jew di proprjeta` ta’ terzi; u (ii) min jippermetti li tigi gestita attivita` turistika minghajr licenzja minn fond di proprjeta` tieghu. L-appellant jghid illi huwa kien semplici impjegat u gie ampjament pruvat li s-sid tal-fond huwa certu Vincent Farrugia u li l-applikazzjoni ghal-licenzja saret minn certu Francis Muscat. Il-fatt li l-appellant kien ikun wara l-bar ma jfissirx li huwa kien qieghed imexxi l-attivita` turistika minn jeddu fl-imsemmi fond.

Kif osservat, l-appellant qieghed jigi akkuzat bi ksur ta’ l-artikolu 43(1)(a) tal-Kap. 409 li jipprovdi li jkun hati ta’ reat:

**“(1) Kull min –**
**(a) minghajr ma jkollu licenza, imexxi xi attivita` turistika jew jippermetti li xi attivita` turistika titmexxa minn jew fi proprjeta` li taghha jkun is-sid jew koproprjetarju jew li minnha jew fiha jkun seta’ mexxa dik l-attivita` li kieku kellu licenza valida”.**

Issa, fix-xiehda tieghu, Jonathan Cuschieri, ufficjal ta’ l-Awtorita` Maltija tat-Turizmu, qal li ttiehdu passi kontra l-appellant peress illi kemm-il darba mar fuq il-post ma’ ufficjali ohra u kienu jsibu lilu jmexxi l-bar. Andre` Zammit, ufficjal iehor ta’ l-Awtorita`, ikkonferma li l-fond kien qed jopera minghajr licenzja u kien kellem lil Vincent Farrugia li qallu li jrid japplika. Bejn it-28 ta’ Jannar 2004 u l-15 ta’ Gunju 2004 ma kinitx ghadha saret applikazzjoni u ghalhekk l-ewwel imponew multa amministrattiva u stante li

ma thallsitx talbu lill-Pulizija jiehdu passi. Saret applikazzjoni fit-12 ta’ Lulju 2004 f’isem Francis Muscat. Passi kontra Vincent Farrugia ma hadux ghax “mhux dejjem sibnieh jahdem hemmhekk, ma kellniex prova bizzejjed illi dan kien qed jahdem hemmhekk ghax qatt ma kien qed jahdem wara l-bar”. Il-P.L. Louisa Tufigno, in rapprezentanza ta’ l-istess Awtorita` xehdet li la l-appellant u lanqas ir-Red Café` ma huma licenzjati ma’ l-Awtorita`. Qalet li dahlet applikazzjoni f’isem Francis Muscat fit-3 ta’ Gunju 2004 izda billi ma gewx prezentati xi dokumenti, il-post baqa’ ma giex licenzjat.

L-appellant ikkonferma li huwa kien impjegat, li lill-ufficjali ta’ l-Awtorita` kien jispjegalhom li jridu jkellmu lil Vincent Farrugia u li bhala impjegat ma setax jaqbad u jitlaq il-job tieghu. Meta saret l-applikazzjoni f’isem Francis Muscat,

kien l-istess Vincent Farrugia li kien qallu biex imur jipprezenta l-applikazzjoni.

Ma tirrizulta l-ebda kontestazzjoni dwar il-fatt li l-appellant kien qieghed jahdem fil-fond in kwistjoni bhala impjegat. Id-dokument minnu esibit (a fol. 27) jikkonferma illi huwa kien impjegat mas-socjeta` Farrugia Textiles Ltd. li taghha Vincent Farrugia jinsab indikat fl-istess dokument bhala l-*managing director*. Huwa evidenti li dak li kien qieghed jaghmel l-appellant ma kienx qed jaghmlu “minn jeddu” izda bhala impjegat. L-ufficjali ta’ l-Awtorita` Maltija tat-Turizmu kienu konxji mill-fatt li r-responsabbilta` tal-fond kienet taqa’ fuq haddiehor, izda ghal ragunijiet li fil-fehma ta’ din il-Qorti ma kinux validi bizzejjed, ghazlu li jipprocedu kontra l-appellant. Ghaldaqstant, f’dawn ic-cirkostanzi partikolari, fejn l-appellant sab ruhu maqbud f’morsa bejn il-principal tieghu u l-awtoritajiet, l-appell jimmerita li jigi milqugh.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjara lill-appellant mhux hati ta’ l-imputazzjoni dedotta kontra tieghu u minnha tilliberah.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------